

Brussell, 14 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11566/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0205 (NLE)

ECOFIN 998
FISC 172

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 383 final.

Mehmuż: COM(2025) 383 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2025
COM(2025) 383 final

2025/0205 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹ ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jiġu pprevenuti ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-25 ta' Frar 2025, il-Polonja talbet estensjoni tad-deroga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT sabiex (i) tkompli tirrestrinġi għal 50 % id-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri u l-leasing ta' vetturi bil-mutur li ma jintużawx biss għal finijiet ta' negozju, u fuq in-nefqa relatata ma' dawk il-vetturi, u biex (ii) l-użu minn persuna taxxabbli jew mill-impjegati tiegħu ta' vetturi li jkunu koperti mill-limitazzjoni msemmija hawn fuq dwar id-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input għal finijiet oħra għajr l-attività tan-negozju li ssir mill-persuna taxxabbli, ma jiġix ittrattat bħala forniment ta' servizzi bi ħlas.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Polonja permezz ta' ittra bid-data tal-10 ta' April 2025. Permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' April 2025, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis neċessarja biex tevalwa t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tweġġ ta' spezzjonijiet biex jiġi ddeterminat sa liema punt il-vetturi jintużaw għal finijiet ta' negozju u għal finijiet oħra (b'mod partikolari għal finijiet privati mhux relatati man-negozju) jgħid diffikultajiet u piżijiet sinifikanti kemm għall-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll għall-persuni taxxabbli, u jista' jwassal għal tilwim li jieħu ħafna ħin u li jiswa l-flus għaż-żeġ partijiet. Fil-prattika, xi kultant ikun saħansitra impossibbli li tiġi vverifikata d-diviżjoni reali bejn użu u ieħor tal-vetturi. Dan jista' jirriżulta fi frodi tal-VAT jew f'attentat ta' frodi (bħal żamma ta' rekords mhux affidabbli), u b'konsegwenza jonqos id-dħul mit-taxxa. Minħabba l-għadd ta' vetturi użati għal finijiet differenti, l-evalwazzjoni tat-taxxa tista' tkun sostanzjali.

Barra minn hekk, il-Polonja hija ddominata minn kumpaniji żgħira b'fatturat baxx (l-hekk imsejja mikrointrapriżi), li ħafna drabi jkunu impriżi individwali jew kumpaniji li jimpjegaw biss għadd żgħir ta' ħaddiema. Ta' spiss dawn ikunu negozji tal-familja. F'intrapriżi żgħira bħal dawn, ħafna drabi ma jkunx hemm separazzjoni ċara tal-assi tal-kumpanija mill-assi privati tal-persuni li jwettqu attività ta' negozju. F'każijiet bħal dawn, ikun diffiċli ħafna li ssir distinzjoni bejn l-użu privat tal-vetturi bil-mutur u l-użu tan-negozju u tkun teħtieġ infiq kbir u sproporzjonat, inkluż dak li jirriżulta mill-ħtieġa li tinżamm dokumentazzjoni dettaljata.

L-applikazzjoni tal-miżuri speċjali mitluba tirriżulta fit-tnaqqis tal-piżijiet u tal-kostijiet amministrattivi għall-intraprendituri. Il-persuni taxxabbli ma għandhomx għalfejn jissodisfaw għadd ta' obbligi ta' dokumentazzjoni u ta' rapportar onerużi (eż. il-ħtieġa li tinżamm u tiġi rrappurtata, lill-amministrazzjoni tat-taxxa, l-hekk imsejja data kilometrika, jiġifieri lista

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

dettaljata tal-kilometri li nstaju b'rabta mal-attività kummerċjali li tkun saret) li xi drabi tista' tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat.

In-negozji huma b'mod ġenerali favur ir-regoli ta' tnaqqis li jirriżultaw mid-deroga mitluba. Il-miżuri adottati skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE jitqiesu bħala kompromess li rnexxa bejn ir-regoli aċċettati u ż-żamma tar-rekords li jagħtu prova tal-użu reali tal-vetturi għal attivitajiet kummerċjali, li tiswa ħafna flus, li tiegħu ħafna ħin u li hija ineffiċjenti. L-aċċettazzjoni tas-simplifikazzjonijiet li jirriżultaw mid-deroga tar-regoli ġenerali hija evidenti mill-fatt li l-persuni taxxabbli adottaw tali regoli għal kważi 90 % tal-vetturi użati.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika tal-Polonja ilha mill-1 ta' April 2014 tapplika deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva tal-VAT. Il-miżuri speċifiċi msemmija qabel ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2019, imbagħad sal-31 ta' Diċembru 2022 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1837² u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1594³, rispettivament u mbagħad sal-31 ta' Diċembru 2025 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2385⁴.

Minħabba l-impatt pożittiv tal-miżura speċjali fuq il-piż amministrattiv kemm tal-kontribwenti kif ukoll tal-awtoritajiet tat-taxxa, qed jiġi propost li tiġi awtorizzata l-estensjoni tal-miżura ta' deroga attwali. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tkun valida għal perġodu limitat ieħor, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2028, sabiex ikun jista' jsir rieżami tal-ħtieġa u tal-effettività tal-miżura ta' deroga u tar-rata ta' tqassim bejn l-użu tan-negozju u dak mhux tan-negozju li hija msejsa fuqha. Jenħtieġ li ma' kull talba ta' estensjoni jinhemeż rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal applikat u din it-talba jenħtieġ li tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2028.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Ingħataw derogi simili b'rabta mad-dritt għal tnaqqis lil Stati Membri oħra⁵.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1837 tal-11 ta' Ottubru 2016 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tkompli tapplika miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 280, 18.10.2016, p. 28).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1594 tal-24 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri li jidderogaw mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 71–72).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2385 tas-6 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 87–88).

⁵ Pereżempju: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1997 tal-15 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1994 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 408, 17.11.2021, p. 1–2); Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1493 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 44–46); Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1854 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 17–18).

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sa dak iż-żmien, huwa jawtorizza lill-Istati Membri biex iżommu l-esklużjonijiet li kienu fis-seħħ skont il-liġijiet nazzjonali fl-1 ta' Jannar 1979 jew, fil-każ tal-Istati Membri li ssiehu mal-Komunità wara dik id-data, fid-data tal-adeżjoni tagħhom. Fuq din il-bażi, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' "status quo" li jirrestrinġu d-dritt għal tnaqqis tal-VAT b'rabta ma' vetturi korporattivi bil-mutur.

L-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli dwar liema kategoriji ta' nefqa jistgħu jkunu soġġetti għar-restrizzjoni fuq id-dritt għal tnaqqis ma rnexxew⁶. Sakemm dawk ir-regoli jiġu armonizzati fil-livell tal-UE, derogi bħal din jitqiesu xierqa.

Għalhekk, il-miżuri proposti huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-miżura hija konsistenti mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2020 - Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Ġusta u Sempliċi li tappoġġa l-Istrateġija ta' Rkupra⁷, li tenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati kumpaniji ġodda u innovattivi, li jiffaċċjaw aktar kumplessità amministrattiva minn kumpaniji multinazzjonali kbar u fejn il-kostijiet tal-konformità għandhom it-tendenza li jkunu proporzjonalment ħafna ogħla għall-kumpaniji ż-żgħar milli għall-kumpaniji l-kbar. Hija kompatibbli wkoll mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2017⁸, li jenfasizza l-ħtieġa li l-VAT għan-negozji ż-żgħar tiġi ssimplifikata u mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025⁹ li jenfasizza l-aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija msejsa, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għanijiet li jridu jintlaħqu, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa u l-prevenzjoni ta'

⁶ COM (2004) 728 final – Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153, 21.5.2014, p. 3).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Ġusta u Sempliċi li tappoġġa l-Istrateġija ta' Rkupra (COM(2020)312 final).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017. (COM(2016) 710 final).

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025 Nimxu 'l quddiem flimkien: Unjoni aktar kuraġġuża, sempliċi u rapida. (COM(2025) 45 final).

ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. Minħabba l-potenzjal li n-negozji ma jiddikjarawx ir-responsabbiltà sħiħa tagħhom u minħabba li l-verifika tad-data dwar il-mili hija ta' piż fuq l-awtoritajiet tat-taxxa, ir-restrizzjoni ta' 50 % se tissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT u se tevita l-evażjoni tat-taxxa fost l-oħrajn meta r-rekords li ma jinżammux kif suppost.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-Repubblika tal-Polonja hemżet rapport mar-rikjesta tagħha biex testendi l-miżura speċjali msemmija hawn fuq. Ir-rapport inkluda rieżami tar-restrizzjoni attwali fuq id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE¹⁰, kif emendat bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1594¹¹, u bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2385¹².

Rieżami tar-restrizzjoni fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT li sar għar-rapport imsemmi iktar 'il fuq ikkonkluda b'mod partikolari li:

- il-miżura speċjali kkontribwiet għas-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT u l-prevenzjoni tal-evażjoni tal-VAT billi eliminat id-diffikultà li persuna taxxabbi tiddetermina l-proporzjon tal-użu ta' vettura għal finijiet ta' negozju u għal finijiet oħra (prinċipalment l-użu privat ta' vetturi tan-negozju) li jwasslu għall-evitar u għall-evażjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ;
- il-miżura speċjali kkontribwiet għas-simplifikazzjoni tal-obbligi tat-taxxa u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq il-persuni taxxabbi (speċjalment fis-settur tal-SMEs) u fuq l-amministrazzjoni tat-taxxa billi naqqset b'mod sinifikanti d-diffikultajiet assoċjati mal-verifika tal-korrettezza tat-tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xiri, li spiss iwasslu

¹⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 5, kif emendata).

¹¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1594 tal-24 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri li jidderogaw mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU UE L 248 tas-27.9.2019, p. 71).

¹² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2385 tas-6 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 87–88).

għal tilwim amministrattiv u fil-qorti li jiswa ħafna flus u li jieħu ħafna ħin (għaż-żewġ partijiet);

- ir-restrizzjoni ta' 50 % fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input hija xierqa, peress li tikkorrispondi b'mod ġenerali mal-użu privat medju ta' vettura minn persuna taxxabbli (l-użu ta' proporzjon aktar baxx jew ogħla jirriżulta f'diskrepanzi eċċessivi bejn l-użu preżunt u reali tal-vettura għal finijiet ta' negozju u dawk privati);
- il-miżura hija kompatibbli mal-prinċipju tan-newtralità u ma tirrestrinġix id-dritt għal tnaqqis sħiħ tat-taxxa fuq ix-xiri fuq l-ispejjeż relatati mal-vetturi tal-passiġġieri dment li l-persuna taxxabbli tissodisfa ċerti rekwiżiti taż-żamma tar-rekords li jikkonfermaw li l-vettura tintuża biss għall-attività tan-negozju.
- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija msejsa fuq talba li saret mill-Polonja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-proċedura għall-imposti tal-VAT u li tiġi evitata l-evalwazzjoni tal-VAT. Għalhekk, hija għandha impatt potenzjalment pożittiv kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet. Il-miżura speċjali ġiet identifikata mill-Polonja bħala l-aktar soluzzjoni xierqa u hija komparabbli ma' derogi oħra tal-passat u preżenti li ngħataw lil Stati Membri oħra.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhux se jkollha impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2028.

F'każ li l-Polonja tikkunsidra estensjoni addizzjonali tal-miżura speċjali lil hinn mill-2028, jenħtieġ li tissottometti talba għal estensjoni lill-Kummissjoni flimkien ma' rapport li jinkludi rieżami tal-limitu perċentwali sal-31 ta' Marzu 2028.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE jistabbilixxi d-dritt ta' persuna taxxabbli għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-VAT") imposta fuq il-provvisti tal-merkanzija u tas-servizzi li tkun irċeviet għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. L-Artikolu 26(1), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva jistipula li, meta assi ta' negozju jintuża għall-finijiet privati tal-persuna taxxabbli jew tal-persunal tagħha jew, b'mod aktar ġenerali, għal finijiet oħra għajr dawk tan-negozju tagħhom, dan għandu jitqies bħala servizz bi ħlas, u għaldaqstant, ikun soġġett għall-VAT.
- (2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE² il-Polonja ġie awtorizzata, sal-31 ta' Diċembru 2025, li tillimita sa 50 % d-dritt għal tnaqqis tal-VAT fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' ċerti vetturi tat-triq bil-mutur kif ukoll fuq in-nefqa marbuta magħhom, meta dawn il-vetturi ma jintużawx biss għal finijiet ta' negozju, u biex il-persuni taxxabbli ma jkollhomx għalfajn iquis l-użu għall-finijiet privati ta' tali vetturi bħala provvista ta' servizzi f'konformità mal-Artikolu 26(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2006/112/KE (il-"miżuri speċjali").
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.
- (4) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-25 ta' Frar 2025, il-Polonja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżuri speċjali għal perjodu ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2028 ("it-talba").
- (5) F'konformità mal-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE, flimkien mat-talba, il-Polonja ssottomettiet rapport lill-Kummissjoni

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/805/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 51).

dwar l-applikazzjoni tal-miżuri speċjali, inkluż rieżami tal-limitazzjoni tal-perċentwal applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Polonja hija tal-fehma li r-rata ta' 50 % għadha xierqa. Jidhriha wkoll li d-deroga mir-rekwiżit fl-Artikolu 26(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2006/112/KE għadha neċessarja biex tiġi evitata tassazzjoni doppja. Dawk il-miżuri speċjali jiġu ġġustifikati mill-hteġa li tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT u biex tiġi pprevenuta l-evażjoni meta r-rekords ma jinżammux kif suppost u jkun hemm dikjarazzjonijiet foloz tat-taxxa.

- (6) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni għaddiet it-talba tal-Polonja lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra bid-data tal-10 ta' April 2025. Permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' April 2025, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (7) Il-miżuri speċjali li se jiġu applikati wara l-31 ta' Diċembru 2025, se jkollhom biss effett negliġibbli fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa li l-Polonja tiġbor fl-istadju tal-konsum finali, u mhux se jkollhom impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT.
- (8) Għalhekk jixraq li din l-awtorizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE tiġi estiża. L-estensjoni tal-miżuri speċjali jenħtieġ li tiġi limitata fil-ħin biex tippermetti li ssir evalwazzjoni tal-effettività tagħha u tal-limitazzjoni xierqa tal-perċentwal applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT.
- (9) Fil-każ li l-Polonja jidhriha li l-miżuri speċjali huma meħtieġa wara d-data ta' skadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE, u sabiex jiġi żgurat eżami f'waqtu ta' kwalunkwe talba biex jiġu estiżi l-miżuri speċjali, jenħtieġ li dik it-talba tiġi akkumpanjata minn rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjali, inkluż rieżami tal-perċentwal applikat u jenħtieġ li jiġi sottomess lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2028.
- (10) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2028.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2028. Tali talba għandha tkun akkumpanjata minn rapport, inkluż rieżami tal-limitazzjoni tal-perċentwal applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President